**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 28 ta' Gunju 2016**

Rikors Guramentat Nru. 92 / 10RGM

Kawza fil-lista: 12

**D F**
**vs**
**G H I**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Peress illi l-partijiet izzewgu fis-17 ta' Novembru 2007;

2. U peress illi mir-relazzjoni taghhom ta' bejniethom twieldet tifla li jisimha 'L' li twieldet fis-17 ta' Lulju 2005;

3. U peress illi l-imsemmi G H I rrenda ruhu hati kontra 1-attrici, minhabba adulterju, swat, vjolenza, eccessi, minacci u ingurji gravi, b'mod li rrenda impossibbli l-hajja konjugali ta' bejniethom;

4. U peress illi l-imsemmi G H I tul is-seperazzjoni de facto tieghu (G H I telaq mid-dar matrimonjali f'April 2009) kkontribwixxa ghat-tifla minuri bhala

manteniment is-somma mizera ta' Euros 30 u xi hwejjeg li ma jammontawx ghal aktar minn Euros 100;

5. Illi l-partijiet ghandhom bejniethom kuntratt ta' seperazzjoni ta' Hi li kienet giet iffirmata bejniethom fl-atti tan-Nutara Dorianne Arapa LLD, tas-16 ta' Novembru 2007;

6. U peress illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-seperazzjoni personali, permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (sezzjoni familja), fl-atti tal-medjazzjoni;

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut prevja kwaisiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna l-ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tippronunzja s-seperazzjoni personali bejn il-konjugi F/H I minhabba swat, vjolenza, servizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi li l-imsemmi konvenut G H I kkommetta fuq martu;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri L f'idejn l-attrici;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u/jew ghall-imsemmija tifla minuri dik ir-retta alimentarja li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa skond il-bzonnijiet ta' l-attrici u l-mezzi ta' zewgha, liema retta alimentarja tkun pagabbli fil-jum u hin li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa;

4. Tikkundanna lill-konvenut jirritoma (bil-pussess battal) lill-attrici l-assi parafernali kollha taghha, mobbli u immobbli;

5. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili;

Bl-ipejjez kontra l-konvenut, li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi ghalkemm huwa minnu li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli u hemm lok ghal separazzjoni personali bejniethom, dan pero' gara biss minhabba tortijiet u htijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attrici. Di fatti l-eccipjenti qed jipprevalixxi ruhhu mid-dritt lilu moghti tal-kontro-talba biex jirribadixxi dan kollu. Ghalhekk it-talbiet ta' l-attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess u dan fost l-ohrajn ghaliex:

2. Ma hux minnu li l-eccipjenti jahti ghat-tifrik taz-zwieg, ghall-kuntrarju kienet l-attrici li b'diversi sevizzi, ingurji gravi, relazzjonijiet adulteri, minacci, eccessi, farrket iz-zwieg u dan kif se jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi l-eccipjenti ghalhekk jaqbel li tigi pronunzjata s-separazzjoni bejn il-partijiet pero' dan minhabba ragunijiet imputabbli biss lill-attrici;

4. Illi l-kura u kustodja tal-minuri m'ghandhiex tkun fdata f'idejn l-attrici u dan hu kaz li ghandha tkun f'idejn il-konvenut biss, l-esponenti ghandu jigi akkordat lilha d-dritt t' access;

5. Illi konsegwentement din il-Qorti ghandha tiddetermina u tiffissa, l-hinijiet tad-dritt t'access ghall-attrici;

6. Illi in kwantu ghall-manteniment dovut ghall-attrici innifisha, l-konvenut m'ghandux jigi ikkundannat ihallsu u dan stante li kienet l-attrici stess li kienet il-kagun tat-tkissir taz-zwieg bejn l-imsemmija kontendenti, inoltre l-attrici tahdem;

7. Illi in kwantu ghar-retta alimentarja dovuta lill-minuri L, din il-Qorti ghandha tiddetermina kemm ghandhom jikkontribwixxu z-zewg partijiet u mhux l-esponenti biss u dan wara li l-Qorti tikkunsidra u tiddetermina min ikun qed jiehu hsieb il-minuri u l-bzonnijiet kollha ta' l-istess minuri u l-qliegh taz-zewg kontendenti;

8. Illi dwar il-Hi parafernali, ghandu jinghad li l-attrici m'ghandha xejn x'tiehu lura;

9. Illi s-sanzjonijiet legali kontemplati fl-Artikoli 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom ghall-kuntrarju jigu applikati fil-konfront ta' l-attrici;

Bl-ispejjez kontra l-attrici rikorrenti li minn issa qeghda tigi ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-17 ta' Novembru 2007;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom lit-tifla Kady H I F li llum ghandha hames (5) snin;

3. Illi l-attrici rikonvenuta irrendiet il-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti impossibbli, permezz ta' adulterju, sevizzi, mohqrija, theddid, u offizi gravi da parti taghha fil-konfront ta' l-istess konvenut rikonvenzjonant, u kif ukoll

iz-zwieg taghhom tkissir irrimedjabbilment b'tort uniku ta' l-istess attrici rikonvenuta;

4. Illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-istanti permezz ta' digriet moghti nhar is-6 ta' Novembru 2009 mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);

5. Illi l-esponenti qieghed jipprevalixxi ruhhu mir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici rikonvenuta biex jipprezenta l-kontro-talba tieghu;

6. Illi l-konvenut rikonvenzjonant jaf b'd awn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant u in vista tal-premess, il-konvenut umilment jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti, prevja okkorendo kull dikjarazzjoni, ordni u provvediment opportun joghgobha:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attrici rikonvenzjonata kif fuq spjegat u tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonant jghix separatament minn ma' l-attrici;

2. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri L H I F tigi fdata f'idejn il-konvenut rikonvenzjonant, u tiffissa l-granet u l-hinijiet li fihom l-attrici rikonvenuta ghandha tinghata access fil-konfront tal-minuri;

3. Tiddikjara li l-attrici rikonvenuta iddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew li tippercepixxi manteniment minghand il-konvenut rikonvenzjonant ir-ragel taghha, mentri hu jibqaghlu d-dritt li jesigi minghandha l-hlas ta' manteniment ghalih;

4. Tordna u tikkundanna lill-attrici rikonvenuta tivversa manteniment ghall-konvenut rikonvenzjonant ghalih u ghall-minuri skond il-bzonnijiet tal-minuri u fl-ahjar interessi ta' l-istess minuri, liema manteniment ghandu jigi likwidat u iffissat minn din l-Onorabbli Qorti u tordna li dawn l-alimenti ghandhom jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh ta' l-attrici, mill-impjieg jew xoghol li hi jista' jkollha jew bi standing order u tipprovdi li dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja;

5. Tapplika kontra l-attrici rikonvenzjonata interament jew in parti d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-attrici rikonvenuta hi unikament hatja ghas-separazzjoni personali u tassenja porzjon lill-konvenut rikonvenzjonat u porzjon lill-attrici ope sententiam. Filwaqt li tinnomina nutar biex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

7. Tikkundanna lill-attrici rikonvenuta biex tirrestitwixxi lill-konvenut rikonvenzjonant il-Hi kollha parafernali tieghu li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilha prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li 1-attrici taghmel dan, tikkundanna lill-istess attrici thallas lill-konvneut rikonvenzjonant dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-Hi parafernali sudetti;

8. Tikkundanna lill-attrici rikonvenuta thallas lill-konvenut rikonvenzjonant somma li ghandha tigi likwidata minn din il-Qorti, rapprezentanti xoghol u Hefikati li 1-konvenut rikonvenzjonant hallas u ghamel fid-dar matrimonjali Angel Flats, Flat 2, Sqaq il-Ghadam, Mriehel;

9. Tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonant jirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

10. Taghti kull prowediment iehor xieraq u opportun.

Bl-ispejjez inkluzi dawn tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u tal-medjazzjoni precedenti ghal dan ir-rikors, kontra l-attrici rikonvenzjonata li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi a rigward l-ewwel talba ma hemm ebda kontestazzjoni sabiex jigi pronunzjat is-seperazzjoni personali izda huwa kontestat ghal kollox li s-seperazzjoni personali huwa mputabbli lill-esponenti D F. Anzi s-seperazzjoni personali hija imputabbli esklussivament lil G H I minhabba t-tortijiet kollha mputabbli lilu kif ser jigi muri tul is-smigh tal-kawza;

2. Illi a rigward it-tieni artikolu tal-kontrotalba, l-kura u l-kustodja ta' L ghandha tigi fdata b'mod esklussiv lil D F (u certament mhux lil G H I) li tiehu hsieb kollox ghall-istess L, kemm l-edukazzjoni tat-tifla, kemm il-bzonnijiet kollha tat-tifla inkluz il-bzonnijiet ta' kuljum, is-sahha tat-tifla, l-affarijiet extra kurikulari tat-tifla u l-affarijiet li minuri jkollha bzonn ghat-trobbija taghha;

3. Illi t-tieni talba tal-konvenut rikonvenzjoannti hija kontestata specjalment meta - (i) G H I lanqas ma jikkontribwixxi lanqas centenzmu manteniment ghall-bintu (ii) m'huwiex ta' ezempju ghall-istess konvenut rikonvenzjonanti kif ser jigi muri tul is-smigh tal-kawza (iii) u lanqas ma jaghti kaz l-edukazzjoni ta' bintu ;

4. Illi a rigward it-tielet talba tal-konvenut rikonvenzjonanti huwa G H I li ddekada stante l-azzjonijiet tieghu kif ser jigi muri tul is-smigh tal-kawza u huwa l-konvenut rikonvenzjonant li ghandu obbligu li jmantni kemm lill-bintu kif ukoll lill-martu;

5. Illi r-raba' talba tal-konvenut rikonvenjonanti huwa kontestat ghax G H I jahdem, ghandu impjieg ma' JD Lifts u jaghmel ukoll xoghol ta' part- time fisherman li jismu Angelo u dan kif ser jigi muri tul is-smigh tal-kawza, u huwa l-obbligu ta' G H I li ghandu obbligu legali li jmantni kemm lill-bintu kif ukoll lill-martu ghall-bzonnijiet tat-tifla L, liema tifla il-hin kollu tkun ma' l-omm. Illi tul iz-zmien kollu tas-seperazzjoni de facto tal-partijiet (ilhom seperati de facto minn April 2009 hareg is-somma komplessiva ta' Euros 300 minn April 2009 sa Dicembru 2010). Illi jekk it-tifla kellha tghix b'dan l-arnmont kienet certament tmut bil-guh;

6. Illi a rigward il-hames talba talba tal-konvenut rikonvenzjonanti huwa ghal kollox respint u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48 et seq tal-Kap 16 ghandhom japplikaw fil-konfront ta' G H I, u inoltre din il-Qorti ghandha tapprezza wkoll li hemm kuntratt ta' seperazzjoni ta' Hi;

7. Illi a rigward is-sitt talba din hija talba inutile ghax ma hemm xejn tal-komunjoni tal-akkwisti stante l-fatt li kollox huwa propjeta' parafemali tal-attrici D F u l-partijiet ghandhom bejniethom kuntratt ta' seperazzjoni ta' Hi kif jirrizulta mill-kuntratt;

8. Illi a rigward is-seba' talba tal-konvenut rikonvenzjonat, G H I ma gab ebda propjeta' parafemali kemm mobbli u/jew immobbli, u jekk kellu xi propjeta' parafernali dan gja jinsabu fil-pussess tieghu;

9. Illi a rigward it-tmien taIba tal-konvenut rikonvenzjonanti, dan huwa ghal kollox kontestat mill-esponenti D F ghax G H I ma ghamel xejn fid-dar u ghalhekk ma ghandu ebda dritt ghal xi Hefikati.

10. Illi a rigward id-disa' talba ma hemmx kontestazzjoni li tigi registrata fir-Registru Pubbliku;

11. Bl-ispejjez kollha ta' din il-kawza kif ukoll tal-kawza ntavolata minn D F u bl-ispejjez legali kollha kontra G H I.

Rat in-noti guramentati tal-partijiet.

Rat l-affidavits rispettivi tal-partijiet, flimkien mad-dokumenti minnhom pprezentati.

Rat ix-xhieda u l-provi kollha migjuba quddiem l-Assistenti Gudizzjarji Dr Nadia Vella, Dr Barbara O'Brien u Dr Juliana Scerri Ferrante.

Rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea tat-12 ta' Lulju 2012.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-provi kollha migjuba quddiemha.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

**AZZJONI**

Il-partijiet izzewwgu fis-17 ta' Novembru 2009, u minn dan iz-zwieg kellhom tifla wahda, L, li twieldet fis-17 ta' Lulju 2005.

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob li tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-hajja matrimonjali m' ghadhiex aktar possibbli ghaliex il-konvenut irrenda ruhu hati ta' eccessi, sevizzi, theddid, ingurji gravi u adulterju. Il-konvenut, permezz tal-kontro-talba tieghu jitlob li s-separazzjoni ta' bejniethom tigi ppronunzjata b'tort tal-attrici, peress illi hija rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, sevizzi, mohqrija, theddid u offizi gravi fil-konfront tieghu, kif ukoll peress illi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

**PROVI**

*Verzjoni tal-attrici*

Fl-affidavit taghha (fol 19) l-attrici tistqarr li hija qed titlob is-separazzjoni minn ma' zewgha ghax ma tistax tghix aktar mieghu, principalment ghaliex sabitu jilbes hwejjeg tan-nisa, u anke johrog bl-indumenti ta' taht taghha. Tghid li anke b'jeans tan-nisa kien gieli johrog. Tghid li dawn it-tendenzi bdew meta harget tqila b'binthom minuri L u filwaqt li fil-bidu kienet issir darba kull sitt xhur, imbaghad

bdiet issir aktar spiss. Tghid illi maz-zmien, il-konvenut sar ossessjonat u kien jixtri underwear tan-nisa anke hamsa hamsa. Tghid illi meta qaltlu li hi riedet tirrifletti xi thoss f'dan iz-zwieg, hu kien rema` dak kollu li kien hemm god-dar. Tghid li meta l-konvenut telaq mid-dar mar jghix go appartament f'San Pawl il-Bahar flimkien ma' ragel iehor jismu Babislem. Tghid li taf li hemm intimita` bejniethom ghaliex dan Babislem kien akkumpanja lill-konvenut ghal seduta ta' medjazzjoni. Tghid li minn mindu telaq mid-dar f'April tas-sena 2009, ftit li xejn hallas manteniment ghal binthom, u sal-11 ta' Ottubru 2011, kien hallas madwar €300. Tghid li l-konvenut jahdem ma JD Lifts u anke jaghmel xoghol part time minghajr ma jiddikjarah. Tghid ukoll li l-konvenut ghandu relazzjoni ma' zewg nisa ohra, u li ma tridx li jindahal fid-decizjonijiet ta' kura u kustodja ta' binthom.

L-attrici tixhed illi l-konvenut kien jheddidha ripetutament li se joqtolha u johdilha t-tifla. Tghid li ma tridx li l-minuri torqod ghand missierha minhabba l-fatt li missierha ghandu tendenzi sesswali strambi. Tghid li l-konvenut isuq karozza taghha bin-numru ta' registrazzjoni SAV 111. Tghid li bejniethom hemm kuntratt ta' separazzjoni ta' l-assi.

Permezz ta' nota tat-23 ta' Novembru 2010 (fol 35), l-attrici esebiet il-kuntratt ta' separazzjoni taghha minn ma' l-ewwel ragel taghha.

Permezz ta' affidavit ulterjuri taghha (fol 69), hija tirrileva li mhux minnu illi l-konvenut halla hwejgu d-dar u li huma kienu lahqu ftehim bonarju sabiex hu jitlaq mid-dar matrimonjali minhabba t-tendenza sesswali tieghu, u tghid li telaq mid-dar f'April 2008 u ma halla xejn ta' valur hlief ftit imbarazz. Tghid li anzi kien ha affarijiet taghha li huma ta' valur sentimentali u xi deheb li kienet qalghet hi u bintha. Tghid li dawn id-dehebijiet hadhom minghajr ma kienet taf u saret taf ghaliex bintha qaltilha li kienet rathom fil-karozza ta' missierha.

Tghid li huwa minnu li ghandha ritratta b'kostum tradizzjonali mlibbes bid-deheb izda tghid li dan kien biss misluf lilha u kienet irritornatu tale quale. Tghid li vera ghandha sett ta' twapet li jintuzaw fil-kamra tat-tifla u fis-salott li kienu nghataw lilha personalment, u sett lozor li kienu donazzjoni lilha personali u li la tikber it-tifla tehodhom maghha. Tghid li qabel ma telaq mid-dar kienu qasmu l-4 kutri li kellhom u zammew 2 kull wiehed.

Tghid li l-istatwi u statwetti li semma l-konvenut huma *souvenirs* u *second hand* u li ma jammontawx ghal iktar minn 20euro, u li hi tal-misthija li jridhom lura wara li hi mantnietu ghal seba` snin. Tghid ukoll li pushchair li tiswa 500euro ma jistax ikun li titkisser u li din il-pushchair li kienet tat-tifla taghhom qed juzaha l-konvenut ghat-tifel li kellu ma' Nadia Vella, u li dan tafu ghaliex qaltilha t-tifla.

Fix-xhieda taghha tal-10 ta' Lulju 2012 (fol 133), hija tghid inter alia, illi ommha tghinha hafna bit-tifla peress illi hija tahdem full time u part time. Tghid ukoll li l-konvenut ghandu dghajsa li kien xtraha minghand ragel xih u ghamilha *from scratch*.

Dwar manteniment ghat-tifla tixhed illi l-ewwel sentejn kien jaghtiha xi haga meta jfettillu izda minn ftit qabel ma kienet qed tixhed rega beda jhallas manteniment ta' €30, u spiss kien jghaddihom lin-nanna materna tat-tifla.

Tghid li sakemm it-tifla tigi lura ferhana wara l-access ma' missierha ma ghandhiex problema li t-tifla tara lil missierha.

In subizzjoni nhar it-30 ta' Novembru 2012 (fol 240) tghid li kien hemm zmien fejn G kien mehud l-isptar minhabba depressjoni u t-tabiba kienet taghtu xi pilloli. Tghid li dak il-perijodu kien dejjem jibki biex ma titilqux u l-isptar kienu rreferewh ghand psikjatra.

*Verzjoni tal-konvenut*

Fix-xhieda tieghu in subizzjoni tad-9 ta' Frar 2011, il-konvenut jghid li ma jahdimx. Jghid li l-ahhar li hadem kien ma' mechanic il-Mosta Johnny Service Diesel. Jghid li ma jistax jirregistra ghax l-ETC ma jaccettawhx ghax hu barrani. Jghid li applika 4 darbiet €150 kull darba. Jghid li jircievi flus minghand il-familja, gieli €150, €200 jew €300 skond kemm ikunu jifilhu. Jghid ukoll li joghdos ghall-qarnit u jbieghu. Gieli jghin xi habib u jaghtih xi haga zghira. Jghid li gieli ma jaqbad xejn u gieli jaqbad sa b'€40. Biex joghdos jilbes wet suit, li kienet rigal.

Jghid li lit-tifla jaghtiha bi €30 affarijiet kull gimgha avolja ma jahdimx. Lil omm ma jghaddilha xejn. Jghid li jghix San Pawl il-Bahar ma' habib jismu Christian Vella li tah kamra f'daru minghajr ma jzommlu kera.

Waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru 2011 huwa jixhed li ilu sentejn f'relazzjoni ma' persuna li jisimha Nadia Vella u ghandu wkoll tifel minn din ir-relazzjoni li jismu Omar H I. Jghid li jsuq Honda Civic. Jghid li fid-dar matrimonjali ghandu hafna affarijiet tieghu li gab mill-Egittu jew mil-Libja: hafna statwi u statwetti, tapiti, zewg lozor, kutri. Kien gab bagalja mimlija affarijiet. Jghid li kien ha deheb fid-dar ezempju gizirani, crieket, l-arlogg li l-attrici kellha f' idha waqt is-seduta. Ma jiftakarx affarijiet ohra ghajr il-linef. Jghid li d-dar ksiha hu b'xogholu. Jghid li jinteressah biss mit-tifla u li fid-dar hemm zewg Libjani jghixu mal-attrici.

Fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti tal-10 ta' Lulju 2012 (fol 116), il-konvenut xehed li hu kien jghaddi l-ammont ta' €30 jew €40 fil-gimgha lill-attrici ghal

binthom u kien hemm drabi fejn peress illi kien iwassalha lura ghand in-nanna, din ma kinitx tiffirmalu. Jghid li kien jahdem ma' Johnny Diesel izda spicca minn hemm ghaliex l-attrici kienet hargitlu storja tal-VRT li kienet inqatghet snin qabel. Jghid li huwa gieli jaqla` €500, €600 u €700 fix-xahar. Jghid li huwa jghix mal-partner tieghu Nadia u t-tfal taghhom gewwa four bedroomed apartment f' San Pawl il-Bahar.

Fl-affidavit tieghu a fol 209, il-konvenut jispjega, inter alia, kif ghall-ewwel sentejn il-hajja taghhom kienet normali izda fis-sena 2009 l-attrici bdiet tivvinta skuzi li riedet tqatta` zmien wahedha u qaltlu biex imur jara lill-familja tieghu gewwa l-Libja. Jghid li din kienet skuza sabiex tkeccih mid-dar. Jghid li waqt iz-zwieg l-attrici kienet tqatta` hafna hin fuq il-kompjuter u qabadha darbtejn titkellem ma' wiehed Taljan. Jghid li meta kien irritorna lura mill-Libja sab li l-attrici kienet bidlet is-serratura u hu ma setax jigbor hwejgu. Jghid li tatu biss kutra li kellu jidhol ghaliha missierha. Jghid li kien gab hafna affarijiet minn pajjizu, fosthom twapet, lozor, linef, statwi, deheb u ghodda, izda l-attrici tippretendi li ghandha zzommhom hi. Jghid li wara li tkecca mid-dar mar jaghmel rapport l-Ghassa ta' Hal Qormi. Jghid li l-attrici zammet id-deheb kollu li ommu u ohtu kienu tawha u anke d-deheb ta' L, u li jiswa madwar €4000. Jghid li d-deheb li jidher fir-ritratt ipprezentat mill-attrici liebsa l-kostum tradizzjonali ma huwiex misluf izda qieghed ghand l-attrici.

Jghid li hu kien jahdem meta kien mizzewweg, izda mbaghad l-attrici rraportatu u l-ETC ma jridux jirregistrawh u hadd ma jrid jimpjegah minghajr ktieb. Ghalhekk ma jistax ihallas ammonti kbar ta' manteniment. Jghid li tul iz-zwieg tieghu u qabel ma’ l-attrici irrapportatu lil ETC hu dejjem hadem. Jghid li hadem ma’ diversi stabbilimenti fosthom ma’ Pork Malta, ma’ Crown Fibrea Glass, Splash and Fun, Bingo Bugibba u San Giljan, J.D. Lifts, u Johnny Pompi.

Jghid li qatt ma kien jilbes ta' mara kif tallega l-attrici u jghid li dan ghamlitu sabiex titfa` l-htija ta' separazzjoni fuqu.

Jghid li hu jghix ma' Nadia Vella u wliedhom u L ghandha relazzjoni tajba hafna maghhom. Jghid li jghixu fuq il-flus li jtuhom il-familja ta' l-partner tieghu. Jghid li d-dghajsa li kien xtara qabel iz-zwieg kellu jbieghha biex ikun jista` jghix meta l-attrici keccietu mid-dar. Jghid ukoll li fit-8 ta' Gunju 2011 hu u Nadia qalghu rigal pram pushchair minghand il-Mothercare tad-ditta Spin u ghalhekk jichad li dan hu tal-attrici.

Il-konvenut jghid li hu nkwetat ghall-minuri ghaliex tkun dejjem ghand omm l-attrici, u jghid ukoll li ghandu informazzjoni li l-attrici ddahhal irgiel Gharab minn kull nazzjonalita` d-dar u qed jghixu maghha. Jghid li f'zewg okkazjonijiet waqt l-access, bintu kellha gidma fuq wiccha u harqa ta' sigarett fuq idejha u hu

mar jaghmel rapport ghand il-pulizija. It-tifla qaltu li l-harqa ghamilielha wiehed ragel li jkun mal-attrici. Jghid li wara li ghamel ir-rapport il-pulizija bblukkaw kollox, u jghid li jhossu inferjuri hafna ghall-fatt li hu Libjan, tant li kellu jikteb lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiehu passi kontra pulizija partikolari li ma ghamilx xogholu tajjeb.

B'referenza ghad-dokumenti li prezenta hu u cioe l-ircevuti tal-hlas ta' manteniment, huwa jispejga illi meta hu kien jghaddi l-manteniment lill-attrici, din ta' l-ahhar kienet tilfirmalu izda meta hu kien iwassal lit-tifla ghand in-nanna materna, hu kien jaghti l-manteniment lin-nanna materna u ghalhekk ma hemmx firma (a fol 311). Il-konvenut xehed in kontro ezami fejn spjega li fiz-zmien tax-xhiehda hu kien qieghed jghaddi l-manteniment ta' Euro 250 fix-xahar lill-attrici fil-kont bankarju taghha.

Mistoqsi jekk ghamilx rapport ghand il-pulizija meta l-attrici bdiet taghtih bil-mobile hu jghid ma niftakarx izda jiftakar li mar l-isptar filwaqt li jinsisti li dan gara ghax qabadha ticcetja ma' Taljan fuq il-kompjuter.

Xehdet Janice Vella Balzan, rapprezentant tal-Korporazzjoni ghax-xoghol u t-Tahrig nhar l-14 ta' Lulju, 2011 fejn prezentat l-employment history mis-sena 2000 sa dakinhar ta' G H I, liema dokumenti juru li l-konvenut kien ingaggat f' impjieg full time ma' JD Lifts Supplies Limited bejn l-1 ta' Ottubru, 2008 sa 21 ta' Dicembru, 2008. Sussegwentament, huwa kien jahdem ma' John's Diesel Services bhala Assistant Mechanic bejn l-1 ta' April, 2009 u l-4 ta' Jannar, 2010 (a fol. 55 - 58).

Xehdet Nadia Vella nhar il-Gimgha 30 ta' Novembru, 2012 liema xiehda tinstab a fol. 236 fejn stqarret li hi u l-konvenut jghixu flimkien u ghandhom zewgt itfal u cioe Omar li twieled tl-10 ta' Gunju, 2011 and Zayne li twieled fil-15 ta' Settembru. 2012.

Hija spjegat li hi u l-konvenut iltaqghu fi1-5 ta' Novembru, 2009 u baqghu flimkien. Tispjega li meta G mar jghix maghha hu ma ha xejn mieghu hlief ftit hwejjeg tas-sajf.

Xehed Kurt Gauci, rapprezentant ta' Kinetix IT Services Ltd nhar it-30 ta' Novembru, 2012 fejn spejga li l-attrici tahdem 40 siegha fil-gimgha bhala segretarja filwaqt li ezebixxa l-FS3s taghha li juru income ta circa ta' elf euro fix-xahar (a fol. 231 :u253).

Xehdet Brenda Vella, rapprezentanta tal-ETC nhar it-30 ta' Novembnr, 2012 fejn prezentat employment history ta' l-attrici, tal-konvenut kif ukoll refusal letters ta' meta l-konvenut applika ghal work permit (a fol. 238).

Xehed l-Ispettur Jeffrey Azzopardi li spjega li wara li l-koppja sseparaw de facto, kien hemm kancellament tar-residence permit mill-Citizenship and Expatiates Department (a fol. 330).

Spejga li G rega applika ghar-residence permit u fil-fatt ottjena diversi interm permits. Jghid li dakinhar filghodu huwa rcieva korrespondenza mid-direttur tac-cittadinanza illi l-interm receipt giet expired fl-4 ta' Gunju, 2014 (a fol. 330).

Xehed Joseph Saliba fejn spjega li l-konvenut ma ghandux working permit, u skond ir records ma hux qed jahdem. Qal li kien hemm diversi applikazzjonijiet min naha ta' G pero` kollha gew refused (a fol. 331).

Xehdet Audrey Ghigo rapprezentanta tal-HSBC Bank Malta plc li xehdet li ma sabet l-ebda kont f'isem il-konvenut G H I (a fol. 449).

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

*Provvedimenti tal-Ligi Applikabbli ghall-Kaz*

Issir referenza ghall-artikoli tal-ligi l-aktar rilevanti ghall-kaz in ezami:-

Artikolu 3 tal-Kap. 16:

*Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skont il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu għall-ħtiġiet tal-familja.*

Artikolu 38 tal-Kap. 16:

*'Kull parti mizewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra'.*

Artikolu 40 tal-Kap. 16:

*'Kull wahda mill-persuni mizewwgin flimkien tista' titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment.'*

Artikolu 48 tal-Kap 16:

*(1) Il-parti, ir-ragel jew il-mara, illi tkun hatja tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet msemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef-*

*(a) il-jeddijiet msemmijin fl-artikoli 631,633, 825,826 u 827;*[1]

*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratuwitu;*

*(c) kull jedd ta' parti mizzewga ghan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-qorti bhala d-data meta l-parti ghandha tkun kunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda. Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jigi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-hidma ta' wahda mill-partijiet fiz-zwieg, ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skont l-artikolu 3;*

*(d) il-jedd li iggieghel lill-parti l-ohra,f'kull kas,li taghtija l-manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg.*

*(2) Il-hwejjeg imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jergghu jmorru ghand il-parti l-ohra, u l-akkwisti imsemmijin fil-paragrfu (c) ta' dak is-subartikolu jibqghu kollha ghal din il-parti, bla hsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni ohra jkunu kisbu fuq dawk l-istess hwejjeg qabel ma is-sentenza tal-firda tkun giet imnizzla fir-Registru Pubbliku.'*
Artiklu 51:

*Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu.*

Artiklu 52:

*Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċiedi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' egħmil li jagħti lok għall-firda.*

Ikkunsidrat:

***Htija tas-Separazzjoni***

---

1 Artikoli 825, 826 u 827 gew imhassra bl-Att XVIII.2004.86

L-attrici tattribwixxi l-htija tas-separazzjoni ta' bejniethom lill-konvenut, ghal tliet ragunijiet principali. Fl-ewwel lok ghaliex tallega li ghandu tendenzi omosesswali u jhobb jilbes indumenti intimi u hwejjeg femminili; fit-tieni lok ghaliex waqt iz-zwieg kien jheddidha li se joqtolha u li se johdilha lit-tifla, kif ukoll ghaliex huwa kkommetta adulterju.

Rigward it-tendenzi sesswali tal-konvenut li l-attrici tiddefinixxi 'strambi' din l-Qorti tinnota illi l-attrici ma ressqet ebda prova sabiex tikkorobora x-xhieda taghha. La ressqet xhieda li jistghu jikkonfermaw dawn it-tendenzi bhal ma jistghu ikunu familjari taghha, hbieb u kollegi fuq il-post tax-xoghol, u lanqas ma ressqet ritratti jew provi tangibbli ohra in sostenn ta' dak minnha allegat.

Dwar l-allegazzjoni taghha li l-konvenut kien jheddidha li ser joqtolha jew li ser johdilha t-tifla, il-Qorti ezaminat ir-rapporti li saru lill-Pulizija. Ir-rapporti maghmula mill-partijiet fl-Ghassa tal-Hal Qormi fil-jum tat-12 ta’ April 2009[2], kwazi sena qabel ma giet istitwita l-kawza odjerna, juru li sa minn dak iz-zmien iz-zwieg tal-partijiet kien fi krizi serjissima bl-attrici tallega li l-konvenut qed jheddida li joqgtolha u l-konvenut jallega li l-attrici qed theddu li tirrapportah sabiex jigi mkecci minn Malta peress li kien cittadin Libjan. Rapport iehor sar fid-29 ta’ Dicembru 2009 fejn l-attrici irrapportat li l-konvenut kien ghadu kif cemplilha u heddidha li ser joqtolha. Rapport iehor sar mill-attrici fit-30 ta’ Gunju 2010, u cioe’ fil-mori ta’ din il-kawza, fejn l-attrici allegat li l-konvenut kien qed icemplilha, jghajjarha u jheddida. Fir-rapport jinghad li l-konvenut cahad li kien hedded lill-martu izda jghid li kien cemplilha sabiex jinsisti maghha sabiex ma ddahhalx irgiel id-dar fejn hemm tghix it-tifla minuri taghhom. Hemm rapport iehor li sar mill-attrici fid-9 ta’ Lulju 2011 dwar telefonata ta’ theddid li rceviet minghand il-konvenut waqt li kien qed jezercita l-access. Ir-rapport isemmi li meta l-konvenut gie mitkellem mill-Pulizija huwa ammetta li kien cemplilha izda spjega li dan sar peress li skond hu l-attrici kienet qed thalli lill-konvenuta fil-kumpanija ta’ ragel li mieghu kellha relazzjoni. Ghalkemm fiz-zewg rapporti appena msemmija jinghad li ser jinhargu l-akkuzi, hadd mill-partijiet ma ressaq xi prova li juri li l-proceduri penali gew istitwiti jew almenu kopja ta’ xi sentenza. Dawn ir-rapporti gew ezebiti minn Surpretendent tal-Pulizija izda hadd mill-partijiet ma staqsih jekk il-kawzi gewx istitwiti u f’kaz affermattiv kienx hemm ezitu.

Fir-rigward tal-kawzali tal-adulterju kontra l-konvenut, il-Qorti tinnonta li fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu il-konvenut ma jsemmi xejn filwaqt li fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha l-attrici ssostni li z-zwieg tal-partijiet tfarrak irrimedjabbilment meta l-konvenuta beda relazzjoni adultera ma’ certu Nadia

[2] Fol. 254

Vella. Mill-provi mressqa jirrizulta li l-konvenut jaccetta illi ghandu relazzjoni ma' certu Nadia Vella, li tali relazzjoni ilha ghaddejja sa mis-sena 2009[3] u li ghandu zewgt itfal ohra maghha.

Ezamintati l-provi kollha mressqa mill-partijiet il-Qorti hi tal-fehma illi meta l-konvenut ikkommetta adulterju ftit xhur wara li l-partijiet isseparaw de facto, iz-zwieg tal-partijiet kien gia' fi krizi serja. Il-verzjonijiet tal-partijiet fir-rigward ta' meta bidet is-separazzjoni de facto taghhom huma kontrastanti ghall-ahhar. L-attrici tghid li kien il-konvenut li telaq mid-dar sabiex jghix ma' ragel iehor filwaqt li l-konvenut jghid li gie mkecci mid-dar peress li martu bidlet is-serratura tad-dar matrimonjali u kellu jsib fejn joqghod.

Ghal dak li jikkoncerna l-verzjoni tal-konvenut, huwa jixhed illi l-attrici tghix fid-dar matrimonjali flimkien ma' zewg Libjani ohra. Jghid ukoll li waqt li kienu ghadhom jghixu flimkien, l-attrici kienet taghmel hafna hin fuq il-kompjuter ma' wiehed Taljan u qabadha darbtejn hu stess u darba minnhom bdiet ittih bil-mobile u hargitlu d-demm. Jghid ukoll li kienet l-attrici li keccietu mid-dar u meta rritorna mill-Libja, huwa sab is-serratura mibdula. Jghid li kien missier l-attrici li gablu xi haga minn god-dar. Din il-Qorti tinnota pero` illi l-konvenut la gab provi li jikkoroboraw il-fatt li martu kienet tkellem irgiel ohra fuq l-internet, la gab prova li tassew hemm irgiel ohra jghixu ma' l-attrici u bintu fid-dar matrimonjali[4], u lanqas ressaq lil missier l-attrici sabiex jikkonferma t-tezi tieghu illi kienet l-attrici li ma riditx taf bih u biddlet is-serratura b'dan li lanqas hwejgu ma seta` jiehu. Il-kawzali li l-konvenut jattribwixxi lill-attrici bhala kawza tas-separazzjoni ta' bejniethom ma gewx ghalhekk ippruvati.

Dwar il-htija ghat-tkissir taz-zwieg il-Qorti qed tikkonkludi illi meta sehhet is-separazzjoni de facto ta' bejn il-partijiet, irrispettivament jekk hux ghax l-attrici sakkret lill-konvenut barra kif jallega l-konvenut, jew ghax il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali, kif tallega l-attrici, iz-zwieg taghhom kien qed jikrolla serjament minhabba imkompatibilita' ta' karattru bejn il-partijiet.

Izda z-zwieg tal-partijiet tkisser b'mod irriversibbli meta l-konvenut beda relazzjoni adultera ma' mara ohra u sussegwentement kellu t-tfal minnha. Din ir-relazzjoni kisret darba ghal dejjem il-possibilta' li l-partijiet jirrikonciljaw u jsalvaw iz-zwieg taghhom.

---

3 Vide xhieda tal-konvenut tas-17 ta' Ottubru 2011 (fol 61) fejn jghid li ilu maghha ghal madwar sentejn.

4 Huwa jipprezenta kopja ta' rapport maghmul minnu (fol 214) fejn irraporta li t-tifla qaltlu li ragel li kien qed ikun ma' ommha kien qiegħed jigdimha go wiccha.

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg tal-partijeit tkisser irrevokabbilment, tort esklussivament tal-konvenut, senjatament minhabba adulterju.

Din il-htija twassal ghall-applikazzjoni mandatorja tas-sanzjonijiet kontemplati f l-Artikolu 48 tal-Kap.16, u dan b' effett minn April 2009.[5]

***Kura u Kustodja u Access ghall-minuri L***

In tema legali issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 fl-ismijiet **Mario Darmanin vs Annalise Cassar**, fejn inghad:

> *"...meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mill-merti u demeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss dwar x'inhu l-ahjar interess tal-minuri. (vide per ezempju Magro v. Bonnett 11 ta' Dicembru 2003 u Portelli v. Portelli, 25 ta' Gunju 2003 – Prim' Awla)."*

Din il-Qorti tosserva illi bint il-partijiet L, twieldet fis-17 ta' Lulju 2005 u ghalhekk illum ghandha hdax-il sena. Ilha minn dejjem tghix mal-attrici, li kif tixhed hi stess, ghandha ghajnuna kbira minghand ommha, li tiehu hsieb lill-minuri waqt li l-attrici tkun ix-xoghol. L-attrici ghandha wkoll immobbli propjeta` taghha li kienet isservi bhala d-dar matrimonjali, u li issa tghix fiha flimkien mal-minuri.

Da parti tieghu, irrizulta mill-provi li l-konvenut Ha hajja gdida ma' certu Nadia Vella, u li minghandha kellu zewgt itfal ohra. Jirrizulta wkoll li l-konvenut flimkien ma' din it-terza persuna, iz-zewg uliedhom, u zewg ulied ohra ta' Nadia Vella jghixu taht l-istess saqaf.[6]

L-attrici qed titlob il-kura u kustodja esklussiva tal-minuri filwaqt li l-konvenut qed jopponi u min-naha tieghu qed jitlob li l-kura u kustodja tal-minuri tigi affidata lilu. Fin-nota ta' osservazzjonijiet il-konvenut jitlob li din ghandha tkun kongunta.

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' April 2016 fl-ismijiet "**Francienne Fenech vs Alexander sive Sandro Fenech"** fejn l-appellant kien appella mis-sentenza tal-Prim' Istanza li kienet affidat il-kura u kustodja tal-minuri esklussivament f'idejn l-omm. Il-Qorti tal-Appell iccitat b'approvazzjoni dak riportat fis-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-**kawza numru 277/2012** fl-ismijiet **Scott Schembri vs Dorianne**

5 U cioe` d-data ta' meta l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali.
6 Vide xhieda tal-konvenut waqt is-seduta tal-10 ta' Lulju 2012 (fol 120)

**Polidano** deciza fit-30 ta' April 2015, fejn il-pozizzjoni legali korretta u stabbilita fil-gurisprudenza f'kazijiet ta' determinazzjoni ta' kura u kustodja tal-minuri u modalita` ta' access favur il-minuri giet deskritta bil-mod segwenti; "In tema legali issir referenza ghas-sentenza moghtija fit-3 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet **Miriam Cauchi vs Francis Gauci** fejn il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi fejn il-genituri ma jitkellmux talba ghall-kustodja kongunta ghandha tigi skartata mill-Qorti. Din il-Qorti filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m'humiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja m'ghandhiex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkun sors ta' litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-Hessere tal-minuri. Fis-sentenza appena citata l-Qorti tal-Appell iddikjarat hekk:- 'Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli.' "Fis-sentenza **Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud** moghtija mill-Qorti talAppell fl-4 ta' Marzu 2014, il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap. 16 li jaghti l-poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. "Fl-ahharnett issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 fl-ismijiet **Mario Darmanin vs Annalise Cassar**, ' ……..meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mill-merti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss dwar x'inhu l-ahjar interess tal-minuri. (vide per ezempju **Magro v. Bonnett** 11 ta' Dicembru 2003 u **Portelli v. Portelli**, 25 ta' Gunju 2003 – Prim' Awla). 'Dwar jekk kura u kustodja kongunta f'kazi bhal dawn hijiex l-ahjar soluzzjoni, din il-Qorti taqbel ma' sensiela ta' sentenzi moghtija minn din il-Qorti fl-ahhar snin u cioe' kif qalet din il-Qorti illi: "Il-Qorti qed tiskarta t-talba ghal kustodja kongunta ghaliex bhala sistema m'hijiex prattikabbli meta l-genituri ma jiftehmux bejniethom." (**Miriam Cauchi v. Francis Cauchi** – Qorti tal-Appell, 3 ta' Ottubru 2008). Li wiehed jghid li f'din il-kawza l-partijiet mhux jiftehemu huwa "understatement". Il-Qorti tara li jekk tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti f'dan l-aspett tkun qed taghti lok ghal hafna disgwid li ma jfisser xejn ghajr hsara lill-minuri, specjalment jekk kif jista' jigri fil-hajja ta' kull bniedem ikun hemm bzonn ta' decizjonijiet mghaggla u urgenti f'dan ir-rigward. Certament ghalhekk tali sitwazzjoni ma hija prattikabbli xejn fil-kaz in ezami.'

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi ma hux fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja tal-minuri tkun kongunta. Ezami tal-atti juri illi l-partijiet ilhom is-snin f'litigji kontinwi u

interminabbli. Bl-attrici takkuza lill-konvenut li ma hallasx manteniment ghall-minuri ghal zmien twil filwaqt li l-konvenut jghid li dejjem ikkontribwixxa u li ghal zmien twil ma kienx jahdem. Fil-fehma tal-Qorti ma jkunx fl-interess tal-minuri li l-kura u kustodja tal-minuri tkun kongunta. Il-Qorti hi tal-fehma illi sabiex kura u kustodja tigi ezercitata b'mod kongunt bejn zewg genituri u tati l-frott mixtieq jehtieg li bejn il-konjugi jkun hemm ezistenti rapport civili u komunikazzjoni almenu civili. L-istorja taz-zewg partijiet f'din il-kawza turi bic-car illi bejn il-partijiet ma tezisti l-ebda komunikazzjoni civili.

Fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet ta' fatt, u fuq kollox ghaliex m'hemm xejn mill-assjem tal-provi li jista' jwassal lill-istess Qorti sabiex tasal ghall-konkluzjoni li ma jkunx fl-ahjar interess tal-minuri li l-attrici tigi fdata bil-kura u l-kustodja taghha, din il-Qorti qed tiddeciedi illi l-kura u l-kustodja tal-minuri L, ghandha tkun fdata esklussivament f'idejn ommha l-attrici Carol F.

Ghal dak li jirrigwarda l-access, skont id-digriet ta' din il-Qorti tat-23 ta' Jannar 2014, l-access tal-konvenut ghal bintu minuri L gie ffissat ghal kull nhar ta' Sibt bejn nofsinhar (12pm) u s-seba` ta' fl-ghaxija (7pm). Fis-sottomissjonijiet taghha, l-attrici ma topponiex ghal access da parti tal-konvenut ghall-minuri, anzi hija tissottometti illi dejjem tat access ta' darbtejn fil-gimgha lill-konvenut. Da parti tieghi, il-konvenut jixtieq li l-minuri jkollha *sleepovers* ghandu in kwantu ghalkemm huwa jghix mal-partner il-gdida tieghu flimkien ma' uliedhom u ulied ohra tal-imsemmija partner tieghu, huwa ghandu kamra tas-sodda mhejjija ghal L wahedha.

Fir-rigward tal-access tal-minuri ssir referenza ghas-sentenza **Miriam Cauchi vs Francis Cauchi** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru 2008, :

> *"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx <u>dritt ghall-access</u>, izda <u>obbligu</u> tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli.*
>
> *...omissis...*
>
> *Din il-Qorti lanqas ma trid li l-access jigi pprattikat bl-iskossi. It-tfal ghandhom dritt ghall-istabbilita` f'hajjithom u fil-programm ta' kuljum u ta' kull gimgha. Il-Qorti, ghalhekk, tara li jkun aktar*

*desiderabbli li l-granet ta' l-access ghall-missier jonqsu fil-waqt li jizdied il-hin ta' kuntatt."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, u tenut kont tas-sitwazzjoni familjari estiza tal-konvenut, kif ukoll fl-isfond tal-fatt illi l-minuri qeghdha f'eta` delikata u jkun fl-ahjar interess taghha illi jkollha stabbilita` u konsistenza f'hajjitha, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-access ghandu jkompli jigi ezercitat nhar ta' Sibt minn nofsinhar (12pm) sas-sebgha ta' fl-ghaxija (7pm). Jidher li dan huwa l-jum li l-konvenut jixtieq li jkompli jezercita access tant li fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ma jressaq l-ebda sottomissjoni dwar jekk ghandhomx jizdiedu granet ta' access fost il-gimgha. Jissottometti biss li ghandu jkun hemm abbinat mal-access 'sleep over'.

***Manteniment***

Dwar il-manteniment pretiz mill-attrici ghaliha jinghad dan li gej. Irrizulta li l-attrici tahdem u ghandha dhul adegwat.[7] Ma rrizulta xejn li ghandu jwassal lill-Qorti tiddikjara li l-attrici tilfet id-dritt ghall-manteniment minghand zewgha bis-sahha tal-Artikolu 48 tal-Kap 16 kif qed jitlob il-konvenut rikonvenzjonanti. Pero' sakemm l-attrici jkollha dhul adegwat id-dritt li titlob minghand zewgha manteniment ser jibqa' sospiz. Mhux l-istess fir-rigward tal-konvenut. Huwa qed jinstab responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg minhabba adulterju u ghalhekk qed jigu applikati fil-konfront tieghu s-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kap. 16.

Fir-rigward tal-minuri L, jinghad li huwa d-dover taz-zewg genituri, tenut kont tad-dhul rispettiv tal-partijiet u l-htigijiet tal-minuri, li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-ispejjez mehtiega fit-trobbija taghha. Jirrizulta mix-xhieda tal-konvenut illi l-partner tieghu u omm zewg uliedu ohra Nadia Vella ma tahdimx, u li hu ma ghandux xoghol fiss izda ghandu biss dhul sporadiku.[8] B'zieda ma' dan jirrizulta wkoll illi minhabba n-nazzjonalita` tieghu, il-konvenut qieghed isib diffikulta` sabiex jottjeni work permit sabiex b'hekk ikun jista` jsib xoghol fiss u regolari gewwa Malta.[9]

Jinghad fl-ewwel lok illi l-fatt li l-konvenut ghandu zewgt itfal ohra, m' ghandux ifisser li l-minuri L ghandha tbati jew tinghata inqas manteniment milli ghandha

---

7 Vide xhieda ta' Kurt Gauci a fol 237

8 Waqt ix-xhieda tieghu tal-10 ta' Lulju 2012, huwa jsemmi li fis-sajf jaqla` mis-sajd (fol 124), igib il-mobiles mill-Libja (fol 126) u l-familja tieghu tibaghtlu xi flus (fol 123). Waqt ix-xhieda tieghu tal-25 ta' Marzu 2014 huwa jghid li sab xoghol ma' John Service Diesel (fol 311) pero` mhux regolari izda fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jghid li ma jahdimx u ghalhekk jista` jiehu hsieb lit-tifla waqt li l-attrici tkun ghadha xoghol (fol 500).

9 Vide b'mod partikolari ix-xhieda ta' Brenda Vella a fol 238 et seq u d-dokumenti minnha pprezentati a fol 244 et seq

bzonn. Il-konvenut gab tlett itfal fid-dinja u ghandu obbligu li jzommhom kollha bl-ahjar mod li jista’ jekk ikun hemm bzonn anke billi joqghod hu nieqes minn certi affarijiet mhux necessarji ghal ghejxien tieghu. L-obbligu ta’ missier li jmanti lil uliedu hu wiehed assolut, u hu ghandu obbligu li jfittex u jzomm impieg regolari sabiex ikun jista’ jmantni lil uliedu minuri (vide in materja App. S. **Graziella DeCesare pro et noe vs John Bonnici** deciza fil-25 ta' Novembru 2011].

Ghalkemm il-konvenut xhed li ma jahdimx u tresqu xhieda tal-Employment and Training Corporation fejn gie stabbilit li l-konvenut ma hux registrat bhala li qed jahdem u li l-applikazzjonijiet tieghu biex jirregistra ghax-xoghol gew rifjutati, l-Qorti hija tal-fehma illi ezaminat il-kumpless tal-provi mressqa l-konvenut ghandu dhul adegwat u qed jahdem minghajr ma hu hekk registrat mal-awtoritajiet Maltin. Huwa evidenti illi l-konvenut jahdem hinijiet twal tant illi lanqas qed jitlob li jezercita access fost il-gimgha izda biss nhar ta’ Sibt wara nofsinhar. Gie ppruvat li f’xi zmien il-konvenut anke kellu dghajsa tas-sajd.

Maghdud dan, din il-Qorti jehtigilha tistabilixxi l-quantum ta' tali manteniment, li jkun jirrifletti mhux biss il-mezzi tal-konvenut, izda wkoll il-bzonnijiet tal-minuri, li kif inghad illum ghandha hdax-il sena. Wara li l-Qorti qieset il-provi rilevanti ghal dan l-aspett tal-vertenza, hija tal-fehma illi l-quantum li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri L ghandu jkun fis-somma ta’ mitejn u hamsin Euro (€250) kull xahar pagabbli fl-ewwel gurnata ta' kull xahar, liema pagament ghandu jibqa` jsir fil-kont bankarju miftuh ghal dan il-ghan skond id-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Lulju 2012, liema manteniment jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

Dan il-manteniment jinkludi wkoll l-ispejjez ordinarji ta' sahha u edukazzjoni, u ghandu jibqa’ jithallas sakemm L taghlaq tlieta u ghoxrin sena fl-eventwalita’ li tibqa` studenta *full-time*.. Jibqa’ rizervat favur l-attrici id-dritt li f’kull zmien, f’kaz ta’ bdil sostanzjali fic-cirkostanzi, b'mod partikolari fil-hajja lavorativa tal-konvenut, titlob revizjoni fir-rata tal-manteniment ghall-minuri L iffissata bil-prezenti gudizzju.

***Hi Parafernali***

Jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet illi d-dar matrimonjali Angel Flats, Flat 2, Sqaq il-Ghadam, Imriehel hija parafernali tal-attrici. Dwar il-Hefikati illi l-konvenut jallega illi ghamel fl-imsemmija dar, din il-Qorti tosserva illi ghalkemm fin-nota guramentata tieghu (fol 50), huwa jsemmi illi huwa ghamel xogholijiet ta' tibjid, dawl, ilma, tikhil, kisi, zebgha fuq il-bibien tal-kewkba, il-provi dwar dan huma skarsi hafna, jekk mhux inezistenti. Ma ngabet ebda prova li dawn ix-xogholijiet

effettivament saru mill-konvenut, u lanqas tal-valur tal-istess Hefikati. In mankanza ta' tali provi ghalhekk din il-Qorti ma tistax takkolji din it-talba.

B'referenza ghal mobbli, din il-Qorti tinnota illi ma hemm ebda qbil bejn il-partijiet dwar liema huma l-oggetti parafernali rispettivi tal-partijiet u liema huma dawk l-oggetti li l-konvenut ha mieghu u dawk li baqghu gewwa d-dar fil-pussess tal-attrici.

Fin-nuqqas ta' qbil u fin-nuqqas ta' provi konkreti da parti taz-zewg partijiet dwar l-ezistenza tal-oggetti minnhom imsemmija u dwar min minnhom ghandu l-pussess tal-istess oggetti, din il-Qorti ser tiddisponi minn dawk l-oggetti li gew trattati miz-zewg partijiet.

Fl-affidavit taghha a fol 70, l-attrici tikkonferma illi hija ghandha sett lozor, sett twapet u zewg kutri (fol 76) illi kienet baghtithomlha omm il-konvenut. Hija tghid li ommu kienet baghtithom lilha personali izda in kwantu l-konvenut jissottometti illi dawn huma parafernali tieghu, din il-Qorti qeghdha tassenjahom lilu. Il-konvenut qed jirreklama wkoll ornamenti li kien gab mieghu mill-Egittu (fol 78-79), u in kwantu jidher inkontestat illi qeghdin fil-pussess tal-attrici u li hi ma ghandhiex interess fihom, din il-Qorti tassenjahom ukoll lill-konvenut.

Dwar il-vettura tad-ditta Subaru bin-numru ta' registrazzjoni SAV 111, hemm qbil bejn il-partijiet illi din tghajjat lill-attrici. Ghalkemm l-attrici tghid li hija propjeta` parafernali taghha, l-konvenut jghid li nxtrat bi flusu. In kwantu l-vettura msemmija qeghdha fuq isem l-attrici u fl-isfond tal-fatt illi bejn il-partijiet hemm is-separazzjoni tal-Hi, din qed tigi assenjata lill-attrici b'dan illi l-konvenut ghandu jirritornaha lilha.

Dwar l-oggetti u dehebijiet ohra msemmija, in vista tas-sottomissjonijiet kontrastanti tal-partijiet u tan-nuqqas ta' provi konkreti fir-rigward, din il-Qorti ma hijiex sodisfatta illi jezistu Hi parafernali ohra li ghandhom jigu spartiti bejn il-partijiet, u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

L-ordni ta’ din il-Qorti lill-partijiet sabiex jikkonsenjaw lill-parti l-ohra Hi mobbli ghandha tigi ezegwita sa mhux aktar tard minn gimgha mill-ghoti ta’ din is-sentenza.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza u l-kontro talba billi prevja li tichad l-eccezzjonijet tal-konvenut u dawk tal-attrici ghat-talbiet rikonvenzjonali sakemm ma humiex kompatibbli ma’ dak hawn fuq deciz, :-

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici, tiddikjara illi ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet kien jahti unikament il-konvenut.u tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet u

2. Tilqa` t-tieni talba attrici u tassenja l-kura u l-kustodja tal-minuri L esklussivament f'idejn l-attrici, b'dan illi tiffissa l-access li l-konvenut ghandu jkollu ghall-istess minuri kull nhar ta' Sibt bejn nofs-in-nhar (12pm) u s-seba` ta' flghaxija (7pm).

3. Tilqa` parzjalment it-tielet talba attrici in kwantu talbet manteniment ghal binthom minuri L. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ghal binthom sakemm taghlaq it-tlieta u ghoxrin sena jew sakemm issib impjieg full-time skond liema jigi l-ewwel, l-ammont ta' mitejn u hamsin Euro (€250) fix-xahar, pagabbli fl-ewwel gurnata ta' kull xahar liema manteniment jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Tichad il-bqija tat-tielet talba attrici ghall-manteniment ghaliha personali in kwantu hija ghandha ntrojtu adegwat. Jibqa’ rizervat lill-attrici d-dritt li fil-futur titlob manteniment minghand zewgha jekk javveraw ruhhom bdil fic-cirkostanzi.

4. Tilqa` r-raba` talba attrici skond kif deciz taht l-intestatura *Hi Parafernali*.

5. Tilqa` l-hames talba attrici, b'dan illi tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 u 51 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tistabilixxi l-1 ta' April 2009, bhala d-data ta' tali dekadenza tal-konvenut.

6. Tilqa` parzjalment l-ewwel talba rikonvenzjonali tal-konvenut skond dak deciz fir-rigward tal-ewwel talba attrici.

7. Tichad it-tieni talba rikonvenzjonali.

8. Tichad it-tielet talba rikonvenzjonali.

9. Tichad ir-raba` talba rikonvenzjonali.

10. Tichad il-hames talba rikonvenzjonali.

11. Tichad is-sitt talba rikonvenzjonali in kwanti bejn il-partijiet jirrenja r-regim tas-separazzjoni tal-Hi.

12. Tilqa` s-seba` talba rikonvenzjonali skond kif deciz taht l-intestatura *Hi Parafernali*.

13. Tichad it-tmien talba rikonvenzjonali.

14. Tilqa` d-disa` talba rikonvenzjonali.

15. Tastjeni milli teihu konjizzjoni ulterjuri tal-ghaxar talba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**